# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 531

Il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fl-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard - Kunsillier

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

Huwa qal li kellna nagħmlu din il-laqgħa b'urġenza peress li għadha kemm ħarġet skema bl-isem ta' 'Skema-*2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita' - 'Steward' - Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex'*. Huwa għalhekk issuġġerixxa illi napplikaw għal din l-iskema sabiex jirnexxilna ndaħħlu persuna li tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol fil-lokalita' tagħna. Din mhux ser tkun titħallas minn naħa tal-Kunsill.

Ġie diskuss illi jkun tajjeb li din il-persuna tieħu ħsieb ukoll l-Għadira ta' San Raflu fejn hemm ħafna papri. Is-SE qalet illi is-Sur Paul Mizzi u s-Sur Alvin Grech diġa' kellmithom permezz ta' telefonata u qablu li għandna napplikaw għal din l-iskema. Il-membri preżenti qablu ukoll u għalhekk ser napplikaw.

Il-laqgħa spiċċat fil-4.40pm.